KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 72 Tnejn 11 ta' Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:55 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar -Viċi Sindku
Joe Gatt- Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**72.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar, Mario Sammut, Joe Gatt, Maria Pia Bonnici u Mark Micallef Costa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 71 u 72
REF: 68.4.5 - PAMA
Is-Sindku nforma li ntbgħat ir-rapport tal-Planner Bjorn Bonello, u qed nistennew risposta min Transport Malta biex jtuna *feedback.*

REF: 68.4.10 - Public Toilets
S-Sindku nforma li permess għadu ma ħariġx, u l-pjanta se tiġi emendata biex fl-istess *area* jkun hemm *information kiosk,* li ħa tinstalla' l-Malta Tourism Authority.

**REF: 70.3.2 - Gazetta Mosta Solidali**
Il-Kunsillier Frans Deguara għandu jikkomunika ma dawk il-Kunsilliera li jmisshom jiktbu fil-gazetta.

**REF: 70.3.4 - MOU Nanniet Malta**
Is-Sindku nforma li nhar is-Sibt 9 ta' Frar, kellna preżenti lil-E.T. il-President Marie Louise Coleiro fejn fetħet il-*hub* Nanniet Malta fil-Mosta. Kienet attivita sabiħa fejn ġew rikonoxxuti l-voluntiera li jaħdmu f'Mosta Solidali partikolarment il-gruppi Tislima u tal-ħarġiet.

Ġie inawgurat wkoll il-*mural* li twaħħal fil-*foyer.*

**REF: 70.3.5 - Presepju**
Is-Sindku nforma li min 60 applikanti bbukjati diġa ħallsu 40.

**REF: 70.3.8 - Quote for revamp of website**
Is-Sindku nforma li rċevejna l-ewwel *demo.*

**REF: 70.5.4 Evaluation tat-Tender KLMT-06-2018 – Upkeep and maintenance of parks, gardens, and soft areas using environmentally friendly products and practices**
Is-Sindku nforma li dan it-*tender* ġie aġġudikat u ħa jibdew l-10 tijiem *contestation.*

**REF: 70.5.6 Evaluation tat-Tender KLMT-05-2018 – Replacing of existing lamps to LED Classic style Luminaries**
Is-Sindku nforma li dan it-*tender* ġie evalwat u aġġudikat, u ħa jibdew l-10 tijiem *contestation.*.

**REF: 70.5.7 Evaluation tat-Tender KLMT-07-2018 – Provision of Bulky Refuse Collection from the Locality of Mosta in an environmentally friendly manner**
Is-Sindku nforma li dan it-*tender* ġie evalwat u aġġudikat, u ħa jibdew l-10 tijiem *contestation.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 71 u 72.

**72.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**71.3.1 Korrispondenza – Ilment Triq Dun Karm Schembri**
Is-Sindku nforma li residenta talbet biex jsir żebgħa għal-*parking bays* fi Triq Dun Karm Schembri. Din ħa tintbgħat lil Transport Malta għal-approvazzjoni.

**72.3.2 Korrispondenza – Ilment Triq il-Kostituzzjoni**
Is-Sindku nforma li resident talab biex ssir *zebra crossing* u/jew *speed moderator* biex jitnaqqas is-sewqan aċċessiv. Din ħa tintbgħat lil Transport Malta għal-kunsiderazzjoni tagħhom peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta ta' Transport Malta.

**72.3.3 – Korrispondenza – Ilment re Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li residenta talbet biex issir *hand rail*. Il-membri preżenti ma approvawx din it-talba peress li t-triq tidjieq ħafna.

**72.3.4 – Korrispondenza -Tibdil fil-ħinijiet tax-xogħol**
Is-Sindku nforma li impjegata tal-Kunsill talbet biex ir-*reduced working hours*, li bħalissa qed taħdem iżżidhom għal-27.5 siegħa fil-ġimgħa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**72.3.5 – Korrispondenza -DLG Cirkulari 2- Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018**

Is-Sindku nforma li trid issir laqgħa b'urġenza biex napprovaw u ngħalqu s-Sena Finanzjarja 2018. Ġiet proposta bħala data għal-laqgħa it-19 ta' Frar 2019.

Ħa tintbgħat *calendar invite* u sms lil kulħadd biex jikkonfermaw l-attendenza malajr.

**72.3.6 – Korrispondenza -Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali**

Is-Sindku nforma li bil-liġi tal-GDPR, id-DLG nforma lil-Kunsilli kollha li irid jkollna DPO. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet permess lid-Direttur Generali biex dan jiġi *outsourced*, u għalhekk bgħatna għal-tlett kwotazzjonijiet, lil PWC, KPMG u RMS.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li peress li jrid jkollna xi ħadd bil-fors u mil-ewwel, temporanjament ġiet maħtura impjegata tal-Kunsill bħala DPO, u nfurmajna lid-dipartiment li l-impjegata qegħda fil-pożizjoni ta' DPO mingħajr ma sarila l-ebda *training.*

Il-Kunsillier Christian Borg offra l-għajnuna tiegħu u assistenza fejn jkun hemm bżonn sakemm jinħatar DPO, kif wkoll tagħna kuntatt ta' persuna li taħdem l-MJCL, li tista tkun ta' għajnuna wkoll.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**72.3.7 – Korrispondenza - CCN39/19 Ġibjun**

Is-Sindku nforma li fuq il-ġibjun għanda proġett ta' 320,000 Ewro, fejn qed nistennew il-permess tal-Planning Authority, u r-residenti tal-viċinanzi qed jirsistu biex il-proġett jitwaqqaf, sakemm tittranġa l-problema li skond huma qed joħloq il-ġibjun.

Is-Sindku qara' ittra li rċevejna min-residenti fejn ma jridux li jsir il-proġett tal-ġibjun, għax qed jilmentaw li meta tgħamel ix-xita qed jgħerqu, u qed jallegaw li l-ġibjun mimli terrapien u għalhekk qed jfur. Is-Sindku nforma li riċenti kellna 3 ijiem b'ħafna xita, u dan far. Dan ġara minħabba li l-ewwel ġurnata xita, l-ilma tax-xita ġar miegħu *flash door* li nblokka l-entratura tal-ġibjun, u għalhekk l-ilma ma kellux fejn jmur.

Is-Sindku nforma li l-istess triq hija forma ta' banju u għalhekk iktar żamm ilma, aparti wkoll li l-entrattura tal-ġibjun hija ħafna ikbar mil-ħruġ.

Is-Sindku nforma li qabbadna *engineer* biex jiċċekkja l-*culvert* li jqabbad il-ġibjun ma Triq Valletta, biex naraw jekk hux miżdud, pero' l-*cameras* ma waslux għax il-*culvert* huwa itwal min 100 metru. Għalhekk hemm bżonn li ssir *manhole* fin-nofs biex jitwasslu l-*cameras*.

Il-katusi ta' l-*overflow* huma ta' l-10, u għalhekk bix-xita kollha li niżlet ma bdewx jleħħqu, u biex jinbidlu l-*culverts* id-distanza hija twila ħafna. Biex jsir *culvert* minħabba t-tul li hemm hija impossibli, u li jinqala' s-saqaf tal-ġibjun u jitnaddaf hija impossibli wkoll, dan għaliex diġa tnaddaf fuq jumejn għal-8 sigħat kull darba u l-ilma naqas biss bi tlett filati.

Kien hemm żmien wkoll fejn ta' l-ELC kienu jmorru fil-5:30am jieħdu l-ilma għat-tisqija, imma rrapurtaw ir-residenti minħabba l-istorbju tal-pompa, u ma baqawx jmorru.

Is-Sindku qal li dan huwa proġett li jinvolvi ħafna ħsieb, u ma jixtieqx li jwaqqaf proġett biex jsir proġett ieħor, aparti li ma rridux li jkun il-Kunsill li jwaqqaf il-PAMA għax jkun ifisser li l-Kunsill jkun kiser il-Kuntratt li għandu.

Il-persuna li nizjat din il-petizjoni qalet li tkellmet ma l-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Ian Borg, u skont hi qalula biex tibgħat petizjoni lil-Kunsill. Din il-petizjoni rċevejnija bil-posta u wara jumejn ħasset li għanda tibgħata lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, għax ma semgħetx lura mil-Kunsill, meta aħna din ma stajniex nirrispondu mil-ewwel għax ma kienx hemm laqgħa tal-Kunsill, aparti li jumejn huwa qasir żmien meta din l-ittra ġiet bil-posta. Id-Dipartiment qed jiġri wara l-Kunsill għal-risposta, meta każ bħal dan jrid l-ewwel jittella Kunsill.

Il-Kunsill jemmen li l-proġett tal-bandli jrid jibqa għaddej, u rridu nsibu mezz ta' kif ħa ninżlu fil-ġibjun biex naraw jekk vera hemx terrapien li qed issostnu r-residenti li hemm. Mhux faċli wkoll li ssib min jgħamel dan ix-xogħol, peress li ġeneralment min jnaddaf bjar u ġibjuni jkun persuna waħda jew tnejn, u dan il-ġibjun mhux xogħol ta' żewġ min-nies.

Is-Sindku nforma li ħa jitlob laqgħa mal-Ministru Ian Borg, biex naraw kif nistaw naħdmu flimkien, għax din mhijiex biċċa xogħol li jista jgħamel il-Kunsill, mhux għax il-Kunsill mhux kapaċi jimmaniġja din is-sitwazzjoni, imma *surplus* li għamel il-Kunsill, ħa nerġaw niġu f'*deficit* jekk nidħlu għal dan il-proġett. Il-fondi li għandna fid-Development Fund, huma ta' 1.2 miljun li nistaw nużaw fi proġetti, imma ma jistawx jintużaw għal dan it-tip ta' proġett, sakemm ma jkunx hemm konċessjoni speċjali bil-permess tal-Ministru.

### 72.3.8 – Korrispondenza -Country Lane continuation of triq il-Bdiewa Bidnija

Is-Sindku nforma li kitbilna resident fejn qed jgħid li triq fil-kampanja li tintuża min bdiewa, jista jitjieb l-aċċess billi jinqata' l-ħaxix ħażin, jitneħħa ħajt tas-sejjieħ li huwa laxk u qed jaqa' biex titwessa l-karreġġjata u titranġa.
Is-Sindku talab biex jmur jiċċekja l-*handyman* tal-Kunsill, u naraw x'hemm bżonn jsir.

### 72.3.9 – Kommunikazzjoni – Letter of Acceptance KLMT 05/2018

Is-Sindku nforma li ħa jintbgħatu l-ittri ta' aċċetazzjoni kif wkoll ta' dawk li tefaw l-*bid* u ma rebħux it-tender Replacing of Exisiting Lamps to LED Classic Style Luminaires.

### 72.3.10 – Kommunikazzjoni – Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Is-Sindku nforma li saret laqgħa ma l-MESDC PARKS fejn attendiet is-Segretarju Eżekkutiv, dwar il-progress ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Ix-xogħol għaddej u mistenni jitlesta sa April 2019. Is-Sindku nforma li waħda mil-laqgħat li kien attenda ma l-MESDC PARKS, kienu talbu li jridu jsiru CCTV *cameras.* Dawn CCTV *cameras,* ħa jsiru mil-Kunsill u s-Sindku kien talab li ta' l-inqas l-MESDC PARKS jlestu il-pipijiet taħt l-art biex kemm jgħaddi l-*wiring.*
l-MESDC PARKS talbu biex is-CCTV *cameras* jitlestew sa l-aħħar ta' Mejju, u għalhekk irridu naraw nistawx noħorġu sejħa ta' Direct Order, li ma taqbisx l-5,000 Ewro eskluz VAT.

### 72.3.11 – Kommunikazzjoni – PA 1766/14

Is-Sindku nforma li nhar il 5 ta' Frar attendew għal-laqgħa madwar 40 resident min Triq il-Waqqafa. Ir-residenti qed joġġezzjonaw għal l-applikazzjoni li l-PAMA ressaq lil-Planning Authority biex jiftaħ triq min triq il-Waqqafa (min wara tal-*ground),* li tkun ta' dħul biss lejn il-PAMA.

Is-Sindku qara' draft ta' ittra li ġiet ippreparata bħala oġġezzjoni. Il-membri preżenti approvaw unanimament. Kopja ta' l-ittra ħa tintbgħat lir-residenti wkoll.

### 72.4.2 – Kommunikazzjoni – Speed Moderator fi Triq Alwetta

Is-Sindku nforma li ntbatet ittra lir-residenti għal-kummenti tagħhom. Is-Sindku dar ir-risposti li rċevejna, fejn iktar oġġezzjonaw milli approvaw, għalhekk il-membri tal-Kunsill m'approvawx li ssir *speed moderator* fi Triq Alwetta.

72.4.3 – Kommunikazzjoni – GreenMT

Is-Sindku nforma li l-GreenMT baqa' mhux biss ma ffirmax il-kuntratt, imma wkoll naqas milli jonora dak li wiegħed. Kellna laqgħa mal-GreenMT fejn qbilna li trid tinħareġ sejħa ta' proposti.

72.4.4 – Kommunikazzjoni – Kotba Edukattivi u ta' Wirt Storiku.

Is-Sindku nforma li kif inhi tradizzjoni ta' kull Kunsill fl-aħħar leġislatura tiegħu, jiġu ppublikati żewġ kotba Edukattivi u ta' Wirt Storiku. L-aħħar ktieb li ppublika l-Kunsill kien fl-2008, li llum il-ġurnata ġie *outdated.*

Is-Sindku nforma li tkellem mal-Profs. George Cassar li huwa l-uniku storiku li fadal li għandu dettalji ta' storja dwar il-Mosta. L-ewwel ktieb li qed jiġi propost ħa jkun jismu 'Mosta bejn fidi u Storja', fejn 300 kopja ħa jkun qed jiswa l-Kunsill 2,000 Ewro.

Għat-tieni ktieb, is-Sindku nforma li ġie avviċinat min kollezjonisti ta' ritratti antiki, fejn żewġ dilettanti għandhom fost l-ifjen negattivi fejn fil-passat dawn kienu jsiru mil-ħġieġ. Teżisti kollezzjoni ta' Sciortino li tmur lura għal-1900, fejn il-kollezzjoni kolla ta' Malta qegħda fl-arkivji nazzjonali, u dik tal-Mosta qegħda f'idejn il-kollezjonist.

Is-Sindku nforma li ltaqa' mas-Sur Kevin Casha li huwa *lecturer* l-Universita ta' Malta kif wkoll il-President tal-Malta Photographic Institute, fejn qed jiġi propost ktieb li jkun jismu 'Il-Mosta Raħal Twelidi – A collection of Vintage Photos', li jkun bil-Malta u bl-Ingliz, u ħa jikkonsisti f'ritratti li qadt ma ġew ippublikati. Is-Sur Casha propona li ritratti li huma l-aktar imfittxijien huma storja, nies u pajsaġġi. Dan il-ktieb ħa jkun *collectors item* u ħa jkun jiswa lil-Kunsill 20 Ewro l-wieħed, u għalhekk faċli jinbiegħ madwar 25 Ewro meta kotba bħal dawn fis-suq jinbiegħu mat-80 Ewro l-wieħed.

Il-Kunsillier Karl Tanti ppropona li dawn il-kotba jkunu *available* wkoll bħala pdf, għal-użu ta' riċerka, fejn din il-verżjoni diġitali tkun tista tinbiegħ wkoll. Ipropona wkoll li nipruvaw nistaqsu għal-fondi mil-Arts Council. Is-Sindku nforma li kultant id-dipartiment joħroġ fondi, u jixtieq li dawn jintużaw għal-avvenimenti bħal Festa Qargħasel. Is-Sindku nforma li nipruvaw nistaqsu għal-fondi min-entitajiet oħra, bħal Arts Council u ohrajn.

Il-membri preżenti approvaw unanimament.

72.4.5 – Kommunikazzjoni – First Aid Courses

Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jofri *course* ta' First Aid lil għaqdiet Mostin, fejn dawn ta' spiss jkollhom attivitajiet u tajjeb li jkunu mħarġa alli jista jinqala', b'mod speċjalment għaqdiet bħal-banda u tal-piroteknika. Il-*courses* offruti ħa jkunu ta' *basic* u *advanced* First Aid, fejn jkunu jistaw jattendu sa mhux aktar min 10 persuni li jirrappreżentaw lil xi għaqda lokali.

Il-membri preżenti approvaw unanimament.

72.4.6 – Kommunikazzjoni – Triq il-Waqqafa

Is-Sindku ta' *update* lil membri preżenti dwar ix-xogħolijiet fi Triq il-Waqqafa.

Fit-2 ta' Jannar il-kuntrattur mar waħħal tabelli li kien ser jsir xi xogħol, fejn ir-residenti bdew iċemplu lil-Kunsill fejn il-Kunsill ma setax jwieġeb għax ma kien jaf xejn fuq dawn ix-xoggolijiet. Wara ħafna telefonati sirna nafu li x-xogħolijiet qed jsiru min Transport Malta. Transport Malta ġabet xi fondi biex jsiru *cycling lanes,* liema xogħolijiet ridu jgħamluwhom malajr inkella kienu ser jitilfu l-fondi.
Ix-Xogħol beda fil-bidu ta' Jannar billi ingirfet it-triq, fejn sal-lum it-triq għada hekk. Is-Sindku nforma li talab laqgħa ma TM li saret fit-18 ta' Jannar, biex jkolli l-informazzjoni meħtieġa bil-miktub, biex jkun jista jikwota u ninfurmaw lir-residenti.

Il-proġett fi Triq il-Waqqafa jinkludi *surfacing,* servizzi ġodda tal-ilma u f'partijiet ħa jsiru servizzi tad-drenaġġ. Triq il-Waqqafa, il-parti li tinfed ġo Triq il-Mitħna hemm tlett blokki ta' bini, fejn it-tieni blokk ma kienx inkluz fil-proġett għax skont TM dik il-parti tat-triq mhijiex ħażina. Is-Sindku nforma li nsista li Triq il-Waqqafa hija kolla l-istess, u nsista li din issir kolla sewwa mil-ewwel.

Parti min Triq il-Waqqafa għada għelieqi, u ma tinfiedx. Peress li saqsew fuqa r-residenti jekk hux ħa tinfetaħ, s-Sindku staqsa lil TM u ġie nfurmat li l-proġett ma jinkludhiex esproprazzjoni. Ir-residenti ma jridux li din il-parti tinfetaħ, u s-Sindku għadu qed jistenna risposta min TM jekk hux ħa tinfetaħ jew le. Is-Sindku qed jitlob li dan il-proġett jsir sew mil-bidu sa l-aħħar peress li skond il-pjanti ma jinkludiex bankini.

### 72.4.7 – Kommunikazzjoni – Parking Sta. Margerita

Is-Sindku nforma li għal-*parking* ta' quddiem il-Maypole u l-Maltco, fejn kien hemm *reserved parking* għal tal-lotto li bil-liġi jrid jkollu waħda. Pero' f'daqqa waħda saret tabella ta' 15 min *un/loading* għal-Maypole biex jonqos id-*double parking*, u b'hekk ittieħed spazju ieħor lir-residenti. Is-Sindku nforma li nsista għax peress li għal ħafna ħin tal-lotto tkun vojta, l'*un/loading* tal-Maypole tkun l-istess waħda tal-lotto u tkun *shared.*

Is-Sindku nforma li l-inkwiet tiegħu hu li ħa jinħoloq preċedent għax għal kull Maypole, *convenience stores* u *supermarkets* żgħar, kollha ħa jkunu qed jitolbu din il-15 min *un/loading bay.* Din saret min TM mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill, u għalkemm ma ġara xejn, importanti li TM jifmu s-sitwazzjoni li jista jkun ħa ninsabu fija 'aktar il-quddiem għax il-*parking* illum sar jiswa daqs id-deheb.
Is-Sindku nforma li qed nistennew risposta min TM.

## 72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 72.4.1 – Ħargiet

Il-Kunsillier Deguara nforma li għal ħarġa ġewwa l-Palazz Verdala kienu 100 ruħ, u l-ħarġa li jmiss ħa ssir fl-14 ta' Frar ġewwa l-fabbrika tal-Benna, u diġa *fully booked.*

### 72.4.2 – Patching

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk hux qed jsir *patching.* Is-Sindku nfurmaħ li xogħol ta' *patching* qed jsir, imma l-kuntrattur qed jitrateni sakemm jibda t-tender l-ġdid biex jibda jaħdem bir-rati l-ġodda li huma iktar għaljin. Wkoll, qegħdin ftit lura biex xogħol tal-*patching* minħabba t-temp.

### 72.4.3 – Zebra Crossing

Il-Kunsillier Tanti reġa rraporta li *zebra crossing* fi Vjal Indipendenza għada mhux taħdem. Is-Sindku talab biex nibgħatu nerġaw ninfurmaw, din id-darba nikkupjaw lis-Sur Cohen u lis-Sindku.

**72.4.4 – Proġett parking**
Il-Kunsillier Tanti staqsa x'ġara mil-proġett kontroversjali tal-parking li kien ippjanat jsir fejn ir-Rotunda. Is-Sindku nforma li b'mod mhux uffiċjali jaf illi bil-bidla fil-Ministeri il-proġetti kapitali għaddew f'idejn il-Ministru Ian Borg, u m'għadhomx iktar f'idejn il-Ministru Konrad Mizzi.

**72.4.5 – Bozza**
Il-Kunsillier Gauci reġa rraporta li l-bozza fi Triq San Ġużepp fejn Sprettu Court fejn tgħalaq it-triq għada ma ssewietx. Is-Sindku nforma li din probabbli ma tistax tissewwa għax din għamila xi ħadd bla permess, u mhux fuq il-pjanta tal-Enemalta.

**72.4.6 – Attendenza**
Il-Kunsillier Borg talab biex tintbgħat l-attendenza ta' laqgħat tal-Kunsilliera. Is-Sindku talab is-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat lil Kunsilliera kollha.

**72.4.7 – Reserved u Un/Loading Parking bays**
Il-Kunsillier Borg nforma li għandu banka tal-lottu, fejn meta kienet ġiet f'idu kien applika għar-*reserved parking*. Fil-bidu fil-verita ma ridiex ir-*reserved bay* għal-ħin kollu ta' l-*opening hours*. Xi sena u nofs ilu kien ġie avviċinat min-bejjiegħ tal-ħaxix liema ħanut kien qiegħed fl-istess triq, fejn din ir-*reserved bay* setgħet tintuża min ħwienet oħra fl-inħawi.
Is-Sindku nfurmaħ li żmien ilu kien hemm *reserved bay* quddiem *ironmonger* li din maż-żmien iċċarat jew żebaw fuqa. Aħna konna r-rifriskajna ż-żebgħa kif maż-żmien ngħamlu, u xi ħadd irraporta li kienet bla permess, aħna ivverifikajna u tneħħiet, u s-Sindku kien insista biex issir applikazzjoni kif suppost. L-applikazzjoni saret lil TM u din għada pendenti. Is-Sindku qal li bħal kull *ironmonger* ieħor jrid jkollu *un/loading bay* bħal ma għandu ħadd ieħor, pero' mhux kbira kif kienet.

Il-Kunsillier Borg qal li għalkemm oriġinarjament ma ridiex, ħass li għandu jkollu waħda għax jkun hemm bżonn jiġbor erba darbiet kuljum, peress li bħala banek tal-lottu kumpaniji ta' assikurazjoni ma jtuhomx *insurance.* Il-Kunsillier Borg qal li reċentament kien qed jkun hemm inkonvenjenza għax in-nies xorta jipparkjaw *double parking,* irrelevanti jaqalawx kontravenzjoni jew le. Dan il-mod ta' ipparkjar qed joħloq *chaos* minħabba li tal-linja ma ddurx, u f'dawn l-aħħar xahrejn saru xi inċidenti goffi fejn kien hemm anke ġlieda bejn il-ġirien u x-xufiera tal-Maypole. Tant eskalat, li l-Kunsillier Borg talab lil-Maypole biex ma jipparkjawx fuq ir-*reserved bay* li għandu quddiem il banka tal-lottu. Dawn baqaw jipparkjaw u din eskalat għand is-CEO tal-Maypole, fejn nforma lil Kunsillier Borg li mil-lum il-quddiem il-lavranti tal-Maypole mhux ħa jibqaw jipparkjaw, u offrilu li ssirlu ħadida li titla u tinżel b'mod awtomatiku. Fil fratemp is-CEO tal-Maypole infurmaħ li ħa japplika għal *un/loading bay.*
Il-Kunsillier Borg infurmaħ wkoll li suppost TM jafu b'waħda mil-ġirien li għanda garaxx b'kaxxa safra quddiema li huwa kamra tas-sodda u ma jintużax bħala garaxx, u għalhekk m'għandux jkolla kaxxa safra quddiema.

Il-Kunsillier Borg qal li s-sitwazzjoni kompliet tigrava għax bil-*barrier* u żewġ *bays,* waħda *reserved* u l-oħra *un/loading,* xorta qed jinħoloq *chaos.* Il-Kunsillier Borg nforma lil-membri preżenti li qiegħed fil-proċess biex japplika għal-ATM, u l-Perit tiegħu għamillu pjanta fejn faċli

jidħlu żewġ *parking bays.* Is-Sindku nforma li wkoll faċilment tidjieq il-bankina faċċata u tidħol *parking bay* oħra, għalhekk talab lil Kunsillier Borg biex jitlob *sketch* lil-Perit tiegħu, bil-bankina idjaq milli hi u bis-suġġeriment ta' *parking* li l-Kunsillier Borg qed jissuġġerixxi.

## 72.5 Rapporti

### 72.5.1 - Nuqqas ta' attendenza tal-laqgħat

Skond ċirkulari 17/2016 is-Segretarju Eżekuttiv trid tinforma lid-DLG u lil Ministru meta Kunsillier jonqos milli jattendi erba' laqgħat konsekuttivi / aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill imsejħa fi żmien sitt xhur.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera Dr. Rachel Tua, lil membri preżenti peress li naqset milli tattendi erba' laqgħat konsekuttivi, fejn għal-assenza tagħha l-Kunsilliera Tua qatt ma bgħatet tinforma li mhux ħa tattendi, u għalhekk ma ġietx skużata għal kull laqgħa li ma attendietx.

Il-membri preżenti qablu li n-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera Tua mhux ġustifikati, u għalhekk unanimament approvaw li ninfurmaw lid-DLG u lil Ministru.

### 72.5.2 Business Plan 2019-2021

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li l-Business Plan kien intbgħat b'*email*, biex jaqrawx u waqt il-laqgħa tal-lum jgħatu l-kummenti tagħhom.

Ma kienx hemm kummenti, u għalhekk il-membri preżenti approvaw unanimament.

## 72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 72.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 85.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 15 ta' Jannar sal-11 ta' Frar 2019.

### 72.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 72.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 72.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Jannar 2019.

72.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-19 ta' Frar 2019 fis-7:00 p.m.

Konfermati llum 11 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |